# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Marzu 2017**

**Numru 1**

**Rikors numru 693/15 SC**

**Fl-atti tal-mandat ta' arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq minn għaxar metri (Kawtelatorju) bin-numru 1023/2015 fl-ismijiet**

**Glen Scott**

***v.***

**Nejc Turizem D.O.O.**
**VBKS Leasing D.O.O.**

**1.** Dan huwa rikors tas-16 ta' Lulju 2015 ta' Jolanda Drobez, in rappreżentanza ta' Nejc Turizem D.O.O. u VBKS Leasing D.O.O. li bih għar-raġunijiet hemm imfissra talbet li din il-Qorti:

(i) tirrevoka l-mandat t'arrest kawtelatorju Numru 1023/2015 ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; inkluż ai termini

tas-subartikolu (1)(a) u (f) tal-istess wara li Glen Scott naqas li jniedi proċeduri dwar il-mertu tal-pretensjonijiet tiegħu fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat;

(ii) Fin-nuqqas, tirrevoka l-mandat t'arrest kawtelatorju Numru 1023/2015 ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; inkluż ai termini tas-subartikolu (1)(f) stante li mhux raġonevoli li jibqa' fis-seħħ

(iii) Tordna lil Glen Scott sabiex iħallas lir-rikorrenti eżekutat dawk il-penali u danni li din il-Qorti jogħġobha tistabilixxi u tillikwida ai termini tas-subartikolu 836(8) u (9) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) Fil-frattemp, jogħoġobha tawtorizza illi Jolanda Drobez, bħala rappreżentanta ta' Nejc Turizem D.O.O. tingħata aċċess fuq il-bastiment, limitatament u unikament biex tikkonstata illi dan qiegħed jinżamm kif suppost;

Dan, oltre dawk l-ordnijiet u provvedimenti li din il-Qorti jista' jidhrilha xierqa u ġusti;

Bl-ispejjeż kontra Glen Scott.

**2.** Il-fatti relevanti seħħew hekk: Bil-mandat kawtelatorju ta' arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq minn għaxar metri bin-numru 1023/2015 fuq imsemmi fl-ismijiet premessi Glen Scott ottjena l-arrest tal-biċċa tal-baħar "Azimut 55 power boat", numru ta' reġistrazzjoni IZ-2152, ġia magħrufa bħala GENA 4, u preżentement jisimha Blondy/Nauti Knights 88, u dan sabiex iqiegħed fiż-żgur dejn jew pretensjoni li ppretenda li għandu u li bit-tluq tal-biċċa tal-baħar imsemmija irritjena li setgħet tiġi skartata. Dan il-mandat ma ġiex segwit b'kawża li fiha ġiet dedotta l-pretensjoni msemmija ta' Glen Scott.

**3.** Wara r-rikors odjern, b'deċiżjoni tal-21 ta' Lulju 2015 din il-Qorti, wara li rat id-dikjarazzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti u Tribunali tal-21 ta' Lulju 2015 li biha ċċertifika li l-mandat in kwistjoni ma ġiex segwit b'kawża skont il-liġi u in vista tal-fatt li l-istess mandat ma kienx għadu fis-seħħ, laqgħat l-ewwel talba tar-rikorrenti Jolanda Drobez fil-kwalita` tagħha premessa. Għall-finijet tal-kumplament tar-rikors il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontropartijiet għall-finijiet tal-Artikolu 836(3) tal-Kap. 12.

**4.** Ebda risposta bil-miktub ma ġiet preżentata minn Glen Scott.

**5.** Il-Qorti rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esebiti inklużi l-atti tal-mandat 1023/2015 fuq indikat.

**6.** Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2016.

**7.** In vista tal-fatt li t-tieni talba tar-rikorrent hija alternattiva għal-ewwel talba li ġiet milqugħa minn din il-Qorti ma hemmx ħtieġa li din il-Qorti tagħti deċizjoni dwarha u għahekk sejra fiċ-ċirkostanzi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

**8.** Inoltre, ukoll in vista tal-fatt li din il-Qorti laqgħet l-ewwel talba ma kienx u ma hemmx ħtieġa li din il-Qorti tagħti deċizjoni dwar ir-raba' talba u għalhekk sejra tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba.

**9.** Jibqa' li din il-Qorti tiddeċiedi dwar it-tielet talba sabiex tordna lil Glen Scott iħallas lir-rikorrenti eżekutat dawk il-penali u danni li din il-Qorti jogħġobha tistabilixxi u tillikwida ai termini tas-subartikolu 836(8) u (9) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jiġi rilevat li waqt it-trattazzjoni orali li saret fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2016 l-avukat ta' Jolanda Drobez fil-kwalita` tagħha premessa rrileva li ma kienx qiegħed jitlob danni iżda biss sabiex Glen Scott jiġi ordnat iħallas penali skont il-liġi talli naqas mill-obbligu tiegħu li jsegwi l-mandat bl-azzjoni opportuna. Di fatti Jolanda Brobez ma ressqet ebda provi dwar danni.

**10.** Ir-raġunijiet li għalihom il-Qorti tista' tikkundanna lil min ikun ħareġ att kawtelatorju għall-ħlas ta' penali huma dawk tassativament elenkati fl-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12. Ir-raġunijiet li tagħti Jolanda Drobez *nomine* biex tissostanzja t-talba tagħha għall-ħlas ta' penali huma kemm il-fatt li l-attur kien qed iżomm fis-seħħ mandat kawtelatorju mingħajr ma jniedi proċeduri dwar il-mertu kif ukoll in vista tal-aġir *prima facie* kriminali ta' Glen Scott.

**11.** Ir-raġuni mogħtija minn Jolanda Drobez *nomine* in sostenn tat-talba għall-ħlas ta' penali u ċioe` li Glen Scott ma ppreżentax il-kawża dwar il-mertu tal-mandat kawtelatorju 1023/2015 ma ġietx kontestata minn Glen Scott u di fatti rriżultat bla ombra ta' dubbju tant li din il-Qorti laqgħet minnufih it-talba tar-rikorrenti għar-revoka tal-istess mandat

għar-raġuni msemmija. Għalhekk din il-Qorti tista' tikkundanna lill-istess Glen Scott għall-ħlas ta' penali kif mitlub mir-rikorrenti jekk jirriżultalha, kif jgħid l-Artikolu 836(8)(a), li n-nuqqas li ssir il-kawża kienet "mingħajr raġuni valida".

**12.** Irriżulta li l-mandat fuq imsemmi ma kienx l-uniku mandat kawtelatorju miksub minn Glen Scott kontra l-biċċa tal-baħar imsemmija sabiex din ma titħalliex titlaq minn Malta. Di fatti rriżulta li b'mandat numru 432/15 tat-13 ta' Marzu 2015 l-istess Glen Scott kien ottjena mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar kawtelatorju kontra l-istess biċċa tal-baħar in kawtela tal-istess pretensjoni kawtelata bil-mandat imsemmi numru 1023/2015. Il-mandat 432/15 ukoll ma ġiex segwit b'kawża għaliex dak il-mandat ġie irtirat b'kontro-mandat tat-12 ta' Ġunju 2015.

**13.** Matul it-trattazzjoni orali tar-rikors odjern l-avukat ta' Glen Scott issottometta li l-ewwel mandat kawtelatorju 432/15 ma kienx ġie segwit b'kawża u sar il-kontro-mandat fuq talba tiegħu stess peress li kien hemm indikazzjoni ta' arranġament u peress li kien jidher li ser ikun hemm il-garanzija li ried Glen Scott irtira l-mandat minn jeddu.

**14.** In kwantu għall-mandat mertu tar-rikors odjern, u ċioe` 1023/2015, iżda, l-unika spjegazzjoni li ngħatat fit-trattazzjoni da parti

tal-avukat ta' Glen Scott kienet li kienu saru proċeduri oħra ta' assistenza reċiproka f'materja kriminali ad istanza tal-awtoritajiet Sloveni u li saru wkoll xi proċeduri ċivili u oħrajn kostituzzjonali in konnessjoni ma' dawk il-proċeduri. Apparti li ma saret ebda prova ta' dawn il-proċeduri l-oħra din il-Qorti ma tarax kif dawn il-proċeduri l-oħra jistgħu jiġġustifikaw in-nuqqas ta' Glen Scott li jsegwi l-mandat *de quo* billi jiddeduċi l-pretensjonijiet tiegħu kontra Nejc Turizem D.O.O u VBKS Leasing D.O.O. Kienu x'kienu l-proċeduri l-oħra li għalihom irrefera d-difensur ta' Glen Scott l-obbligi li jġib miegħu l-ħruġ tal-mandat ta' arrest ta' bastiment in kwistjoni kienu ben magħrufa u ma jirriżultax li l-proċeduri li rrefera għalihom kienu minimament ta' ostakolu sabiex Scott jintavola l-kawża li kien obbligat li jagħmel wara l-ħruġ tal-mandat in kwistjoni.

**15.** L-imposizzjoni ta' penali hija kjarament fakoltativa. Kif ġie ritenut[1], iżda, f'dan ir-rigward il-leġislatur kien riġidu u fis-subinċiż 8(a) tal-Artikolu 836 rabat l-imposizzjoni tal-penali mal-fatt materjali biss illi l-kreditur ikun naqas li jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu kontra d-debitur fiż-żmien previst mil-liġi u l-Qorti hi tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta. Huwa biss f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk jimponilha li l-Qorti tista' tagħżel li ma timponix tali penali. Ebda tali ċirkostanzi estremi ma

[1] App **Joseph Rapa v. Raymond Sammut**, 13/3/2001

rriżultaw f'dan il-każ, u anzi dak li rriżulta hu li l-għemil tad-debitur kien wieħed vessatorju jekk mhux ukoll abbużiv tal-proċess ġudizzjarju, u għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li għandha tapplika s-sanzjoni tal-penali kif mitlub mir-rikorrenti.

**16.** Għalkemm it-tielet talba tar-rikorrenti hi fis-sens sabiex din il-Qorti tordna lil Glen Scott sabiex iħallas lir-rikorrent eżekutat kemm penali kif ukoll danni, ma ġew prodotti ebda provi ta' xi danni sofferti mir-rikorrenti li fil-kors tat-trattazzjoni orali llimita t-talba tiegħu unikament għall-ħlas ta' penali.

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tipprovdi definittivament dwar ir-rikors billi:

i) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba peress li din ġia ġiet milqugħa bid-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Lulju 2015;

ii) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba peress li din hija alternattiva għall-ewwel talba;

iii) Tilqa' t-tielet talba u tordna lil Glen Scott sabiex iħallas lir-rikorrenti eżekutat Jolanda Drobez fil-kwalita` tagħha premessa penali ta' tlett elef euro (€3000);

iv) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba in vista li ma għad baqa' ebda ħtieġa li tipprovdi dwarha.

Bl-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura kontra Glen Scott.

Silvio Camilleri
Prim Imħallef

Deputat Registratur
mb